MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 478/2003

**Avviz numru 478/2003DM**

**KNK Air Conditioners Co Ltd**

**Vs**

**Joe Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf seba' mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm1739.00) rappresentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija lilhu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjez ta' din il-procedura, kompriza dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Mejju 2003 u bil-mandat ta' qbid li gie pprezentat

kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf seba' mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm1739.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-25 ta' Settembru tas-sena 2003;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------